MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 106/2009

**A B f'ismu proprju u f'isem il-minuri C D E F B G u H I J K B G**

**-vs-**

**L G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B datat l-1 ta' April 2009 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti:

1. Fl-ewwel lok, tiddikjara d-dritt vestit fl-attur illi hu, bhala l-missier naturali u bijologiku, ghandu d-dritt ta' *"parental authority"* fuq uliedu, ossija sija versu t-tifel C D E F B G, imwieled il-Pieta' Malta fit-13 ta' Mejju, 2005 u sija versu t-tifla H I J K B G, imwielda l-Pieta' Malta fid-9 ta' Novembru 2007;

2. Fit-tieni lok, takkorda l-kura u l-kustodja ta' l-imsemmija tfal lill-attur, fl-ahjar interess tal-istess minuri bil-fakolta' versu l-omm, hawn imharrka, li tuzufruwixxi minn dritt ta' access versu l-istess imsemmija wlied, il-modalita' ta' liema jigi stabbilit u ffissat minn din il-Qorti;

3. Fit-tielet lok, izda b'mod subordinat u b'mod alternattiv u bla pregudizzju ghall-precedenti talba, fil-kaz li l-istess ma tigix akkolta, takkorda lill-attur u l-konvenuta kura u kustodja kongunta ta' l-imsemmija tfal b'dana li t-tfal jirrisjedu Malta taht dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti u iffissati minn din il-Qorti;

4. Fir-raba' lok – izda b'mod subordinat u b'mod alternattiv u bla pregudizzju ghall-precedenti tieni u tielet talba, f'kaz li xi wahda minn l-istess ma tigix akkolta, takkorda lill-attur li juzufruwixxi mid-dritt, anzi dover ta' access versu u proprju, illi jigi ezercitat minnu versu l-istess imsemmija wlied hawn Malta, b'dana illi dawn jghixu Malta taht dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti u ffissati minn din il-Qorti;

5. Fil-hames lok jinghata manteniment xieraq ghall-minuri mill-konvenuta.

Rat ir-risposta ta' L G datata 16 ta' Settembru 2009, fejn din eccepiet l-ewwelnett in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti u dan peress illi Malta m'hijiex il-pajjiz tar-residenza ordinarja la taghha u lanqas taz-zewg ulied minuri C u H B G.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-intimata u cioe' dik dwar il-gurisdizzjoni o meno ta' din il-Qorti.

Fil-qosor il-fatti tal-kawza jirrizulta li huma dawn. Iz-zewg minuri C u H B G twieldu Malta minn relazzjoni li kellhom bejniethom il-partijiet. Il-kbir mit-tfal twieled f'Mejju 2005 u

z-zghira f'Novembru 2007. It-tfal ghexu Malta ghajr ghal xi xhur li l-kbir kien ghex mal-partijiet fl-Awstralja sa Frar tal-2008 meta l-omm, intimata odjerna, siefret bihom lejn il-Germanja minghajr il-kunsens tal-missier.

Issa r-regola vigenti fl-Ewropa f'din il-materja hija dik enuncjata fl-Art. 8 tar-Regolamenti 2001/2003 tal-Unjoni Ewropea li jipprovdi illi:

"The Courts of a member State shall have jurisdiction in matters of parental responsibility over a child who is habitually resident in that Member State at the time the Court is seized".

Ghaldaqstant, l-iskrutinju li jrid isir minn din il-Qorti huwa effettivament biex jigi deciz fejn kienet fil-fatt ir-residenza ordinarja tal-minuri fiz-zmien meta nbdew il-proceduri odjerni.

It-tfal ittiehdu minn Malta lejn il-Germanja fi Frar tas-sena 2008. L-omm, intimata f'dawn il-proceduri tikkontendi li, minn dakinhar, it-tfal stabbilew residenza fil-Germanja u ghalhekk huma l-Qrati Germanizi li ghandhom il-gurisdizzjoni necessarja.

F'dan il-kuntest, madanakollu, il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta datata 30 ta' April 2009 fejn il-Qorti, wara l-indagini necessarja, sabet li r-rimozzjoni tal-minuri minn Malta fi Frar tas-sena 2008 u r-ritenzjoni taghhom fil-Germanja kienet wahda illecita ai termini tal-Art. 3 tal-konvenzjoni dwar "The Civil Aspects of International Child Abduction". Din id-decizjoni ma tidhirx li giet b'xi mod kontestata f'dawn il-Qrati u ghalhekk l-istat ta' fatt fiha issa jinsab kristalizzat.

Galadarba kien deciz illi r-rimozzjoni tal-minuri minn Malta kienet wahda llecita, l-istess fuq citat regolament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi l-Art. 10 illi:

Fil-kaz in ezami ma jezistu xejn minn dawn ic-cirkostanzi li jwasslu ghall-bidla fil-gurisdizzjoni. Ir-rikorrent odjern qatt

ma ta l-kunsens tieghu ghar-ritenzjoni tal-minuri fil-Germanja u beda proceduri fil-perjodi previsti mill-istess regolament. Ma jezistu lanqas ebda mic-cirkostanzi l-ohra previsti mill-istess Artikolu 10.

L-intimata G targumenta ukoll li permezz tal-proceduri fil-Qrati Germanizi, ir-rikorrent odjern issottometta ruhu ghall-gurisdizzjoni tal-Qrati Germanizi. F'dan il-kuntest, il-Qorti tinnota illi d-digriet tal-Qorti ta' Frankfurt datat 17 ta' Marzu 2009 kien jirreferi limitatament ghall-preceduri taht il-"Hague Convention regarding the Civil Aspects of International Child Abduction". Permezz ta' dan id-digriet, ir-ritorn tal-minuri lejn Malta gie michud ghar-ragunijiet hemm imfissra (ara fol. 142 et seq). F'dawk il-proceduri, il-Qorti ta' Frankfurt ma ghamlet ebda dikjarazzjoni dwar ir-residenza tal-minuri u konsegwentement il-gurisdizzjoni lanqas ma giet konkjuza din il-problema fit-tieni proceduri fi Frankfurt. Anzi, f'dawn il-proceduri, li gew irtirati, il-Qorti ta' Frankfurt wasslet lill-partijiet ghall-ftehim temporanju rigwardanti l-access tal-missier ghal uliedu sakemm jigu decizi l-proceduri ga mibdija quddiem dawn il-Qrati f'Malta.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata L G, tordna li l-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------